b'tifkira tal-
25 anniversarju tad-dar tal-ghaqda
u l-konsagrazzjoni tad-dar

# GHAQDA MUZIKALI MELITA
## MSIDA

MELITA
A.D. 1922

banda



sport



storja
ta'
l-ghaqda

attivitajiet



is-sehem
tal-banda
fil-festa ta'
san guzepp



taghlim
ta' muzika


drink kinnie now
Kinnie
the refreshing drink
for everybody,
anytime, anywhere.
Kinnie
KINNIE
KINNIE
Kinnie away
your thirst.



1950 - 1975

IL-GHAQDA MÜZIKALI MELITA
FL-OKKAZJONI TAL-
25 ANNIVERSARJU TAL-KAZIN
FID-DAR PREZENTI
U
L-FESTA TA' SAN GUZEPP
MSIDA

13 - 20 LULJU, 1975.

BAJADA WOODWORKS LIMITED

Tower Street, Msida Malta. Tel: 31004-45085.

Manufacturers of all kinds of Woodworks

BAJADA WOODWORKS OVERSEAS LIMITED

Tower Street, Msida Malta. Tel: 31004-45085.
Cables: BAJAWOOD MALTA. Telex: MW 374 MALTA.

Joinery Works and Furniture

**PANTA LESCO LTD.**
**ELECTRICAL and MECHANICAL**
**ENGINEERS and CONTRACTORS**

AGENTS FOR

HAWKER SIDDELEY ELECTRIC EXPORT LTD.
(All Electrical Equipment) (Crompton Parkinson)
NEIL AND SPENCER LTD.
(laundry and Drycleaning Equipment)
SIMPLEX — SWITCH GEAR
AVERY EXPORT LTD.
(Weighing Machines)
FEDERAL ELECTRIC LTD.
(M.C.B. Boards and Equipment)
ALLEN YGNIS BOILERS LTD.

**PANTA HOUSE,**
VALLEY ROAD, MSIDA. Tel: 41361.



## *Messagg tal-President*

Din is-sena l-Għaqda Mużikali tagħna l-Misidjani tagħlaq 25 sena fid-dar li qegħdin fiha llum. Għal din l-okkażjoni qed jiġi ppublikat dan il-ktieb speċjali li f'parti minnu ssibu l-istorja tal-Għaqda.

Għalkemm l-Għaqda ilha mwaqqfa 'l fuq minn 50 sena, l-akbar progress sar minn mindu dħalna f'din id-dar. Il-Għaqda bdiet tissoda gradwalment sakemm irnexxielna anke li d-dar issir proprjeta' tagħna. Huwa xieraq għalhekk li din is-sena id-dar tagħna tkun ikkonsagrata lill-Qlub ta' Ġesu' u ta' Marija.

Nieħu din l-okkażjoni biex nuri l-apprezzament tiegħi u nirringrazzja lil dawk il-membri li ddedikaw ħafna mill-ħin liberu tagħhom biex igħinu l-Għaqda tasal fl-istat floridu tal-lum. Jiena konvint, li b'rieda sħiħa ta' l-imseħbin il-Għaqda tkompli tagħmel progress u tagħti servizzi siewja lill-IMSIDA.

A.D. 1922

## GĦAQDA MUŻIKALI MELITA

### KUMITAT 1975.

*President*
Is-Sur J.M. Cassar Naudi
*Viċi-President*
Is-Sur. Vella
*Segretarju*
Is-Sur C.A. Taliana
*Asst. Segretarju*
Is-Sur G. Betts
*Teżorier*
Is-Sur Emm. Mifsud
*Asst. Teżorier*
Is-Sur E. Azzopardi
*Direttur Ġenerali*
Is-Sur Ant. Bonello
*Asst. Direttur Ġenerali*
Is-Sur Ant. Agius
*Membri*
Is-Sur N. Farrugia, A.R.S.H.
Is-Sur J. Tedesco
Is-Sur R. Vella
*Kummissjoni "Banda"*
Is-Sinjuri A. Bonello, E. Azzopardi u J. Tedesco.
*Malta Band Clubs Assoc.*
Is-Sur Ant. Bonello
*Kumitat — Festa San Ġużepp*
Is-Sur Emm. Mifsud
*Direttur Spiritwali*
Revdu. A. Caruana
*Surmast Direttur*
Mro. Ph. Gatt, FLCM., A.R.C.M.
*Konsulent Legali*
Dr. J. Filletti B.A., LL.D.
*Konsulent Arkitett*
Is-Sur L.A. Naudi, B.E. & A., A. & C.E.

# VERNON FOODS LTD.

**Abattoir Square, Marsa.**

**Telephone: 23691/4.**

*Canners of:*

Tomato Paste,
Peeled Tomatoes,
Processed Peas,
Pearls,
Peaches,
Apricots,
Fruit Salad,
Fruit Juices.



# Valhmor Borg & Company

**Malta Cold Stores Buildings,**
**Abattoir Square, Marsa.**

**Telephone: 23691/4.**

*Leading Importers of:*

Frozen Meats, Fish and Crustaceans,

Vegetables, Cheese.




Il-faccata tal-kazin mixghula.

Il-bandalora rregalata lill-banda mili-ammiraturi — 1967




# HARSA LURA LEJN IL-25 SENA TAL-GHAQDA FID-DAR TA' TRIQ IL-KUNCIZZJONI

1950 Il-każin jinġarr minn Triq il-Wied għal dar fi Triq il-Kunċizzjoni.

1951 Jibdew isiru alterazzjonijiet strutturali fid-dar biex l-Għaqda tiġi akkomodata aħjar f'parti biss mid-dar mikrija lilha.

1952 Titlesta s-sala tal-Biljard u tinxtara l-mejda tal-biljard.

1953 Jitwaħħal arblu fuq il-bejt u jinxtraw sett bandieri.

1954 Il-banda ddoqq fil-festa ta' San Ġiljan.

1955 Il-banda ddoqq fil-funeral tal-viċi Dun Amadeo Ebejer.

1956 Il-banda tieħu sehem fil-pussess tal-Kappillan il-ġdid ta' l-Imsida, il-W.R. Ant. Pace D.D. u jingħata riċeviment f'ġieċu.

1957 Imut Mons. Innoċenz Zammit, ex Kappillan ta' l-Imsida u l-banda ddoqq fil-funeral tiegħu.

1958 Il-Kumitat jiltaqa' ma' l-Arċisqof Gonzi fid-dar tal-Kappillan u jiddiskutu l-possibbilta' ta' l-akkwist tal-każin kollu nkluża s-Sala Parrokkjali fl-istess dar.

1959 Il-banda ddoqq programm mużikali fi Pjazza Main Guard, il-Belt, fit-tlugħ ta' Lotterija Nazzjonali; imut il-President Manwel Mallia u l-banda ma tieħux sehem fil-funeral minħabba li ma setgħux isiru arranġamenti malajr fil-ħin tal-funeral kif xtaqet il-familja.

1960 Jiġi elett Ġuże' Cassar Naudi President; jinbidel l-istatut ta' qabel il-gwerra fl-Laqgħa Ġenerali; jinxtara television set.

1961 Tiġi armata xierqa s-sala tal-Kumitat u jinxtraw mobbli; jindaqq Innu ta' San Ġużepp ġdid bil-vuċijiet ta' Mro. Morello.

1962 Isir bottegin ġdid komplit bl-għamara; l-Arċisqof Gonzi jagħmel żjara fid-dar tal-Għaqda.

1963 Jinbidel it-television set.

1964 Isiefer Mro. Morello; Mro. Philip Gatt isir is-surmast il-ġdid;



# The Falcon Forge

(JOE LAUTIER PROP.)

**Art Metal Crafts & Blacksmiths**

TOWER STREET
MSIDA.

**Tel: 42099**

*Ghal kull xogholijiet ta' Ferro batțuto, Twieqi tal-hadid iggalvanizzati, Hadid tat-tarag, ecc., ecc.,*

**ASSORTIMENT TA' DISINJI U QISIEN FLIMKIEN MA' XOGHOL TAJJEB U MALAJR.**



*Today's wrist-watch*

**ROYCE**

*Safemaster*



***Trade Enquiries:***

***35397***



Il-W.R. Kappillan ta' l-Imsida Dun A. Pace B.D. mal-kumitat fl-okkazzjoni tal-pussess — 1956



Il-bandalora rregalata mill-kommunita' Misidjana ta' Sydney, Awstralja — 1967

isir arblu ġdid fuq il-bejt u tnejn żgħar fil-gallerija; tinżebagħ il-faċċata kollha u ssir luminazzjoni permanenti mal-faċċata; jinbidel id-drapp ta' l-istendard ta' San Ġużepp.

1965 Isir sett bandieri; jindaqqu sett marċi ġodda; jinbidel il-madum ta' l-art ta' l-intrata, kontra-intrata u l-loġġa; tinkesa u tinżebagħ l-intrata.

1966 Tiġi rranġata s-sala tal-Biljard; il-banda tagħmel marċ fir-rebħ tal-promozzjoni ta' l-Msida St. Joseph għat-II Div.; iddoqq ukoll f'Misraħ Reġina, il-Belt fuq stedina ta' M.B.C.A. fl-okkażjoni tal-festi li saru tat-tieni Anniversarju ta' l-Indipendenza.

1967 Il-banda tieħu sehem fl-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa ta' l-Imsida; jindaqq Innu lil San Ġużepp ġdid bil-vuċijiet, ta' Mro. Gatt u sett marċi ġodda; il-banda tingħata bandalora mill-ammiraturi u oħra mill-komunita' Misidjana f'Sydney, l-Awstralja; isir standard ġdid Malti; il-banda Duke of Connaught mill-Għaqda ddoqq marċi fl-Msida; Il-banda ddoqq marċi fir-rebħ tal-promozzjoni għal I Div. ta' l-Msida St. Joseph u fiż-żjara tar-Reġina Elizabetta II.

1968 Tinxtara d-dar tal-każin; standard ġdid tal-Għaqda jiġi rregalat lill-Banda mill-ammiraturi.

1969 Isir madum ġdid fl-art tas-sala tal-kumitat.

1970 Il-Kummissjoni Ingliża f'Malta tirregala Enċiklopedija b'16-il volum lill-Għaqda.

1971 L-E.T. Mons. Ugo Poletti, Viċi-Ġerent ta' Ruma jiġi mistieden fil-każin; il-Għaqda tistieden lill-banda Our Lady of Consolation biex tieħu sehem fil-festa ta' San Ġużepp

1972 Jiġi ċċelebrat il-Ġublew tad-Deheb tal-Għaqda; il-Għaqda tilqa' l-President tar-Repubblika ta' Malta Sir Ant. Mamo, dak iż-żmien il-Gvernatur Ġenerali u jikxef lapida kommemorattiva; fiċ-ċelebrazzjonijiet jiġu mistiedna l-banda ta' l-R.M.A. u l-Orkestra Nazzjonali biex jesegwixxu programmi mużikali; issir quddiesa ta' Radd il-Ħajr mill-Arċisqof Gonzi fil-Knisja Parrokjali.

1973 Isiru Toilets moderna fil-każin.

1974 Jinbidel għat-tielet darba it-television; jiġi approvat statut ġdid mill-Laqgħa Ġenerali.

**INDESIT quality domestic appliances are the best and most economic buy on the market**

**INDESIT**

**SUPER WASH!**

**INDESIT WASHING MACHINES**
are designed to give you super washing results on all your washing.

*See the **INDESIT 6 SIL** the most modern fully automatic washing machine incorporating automatic bluing and starching... at your nearest **Indesit** Dealer.*

**INDESIT** **STYLE, QUALITY, ECONOMY**



Il-banda ddoqq marc fl-okkazzjoni tar-rebh tal-promozzjoni ghall-l Div. tal-Msida St. Joseph — 1967

**1975** Waqt li l-banda diġa' ħadet sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet tar-rebħ tal-promozzjoni tal-Msida St. Joseph li issa mill-ġdid telgħu fl-I Div., bħal issa qed isiru tħejjijiet biex il-banda tieħu sehem xieraq fil-festa ta' San Ġużepp ta' din is-sena. Fl-okkażjoni tal-25 sena tal-każin fl-istess dar il-każin se jiġi KKONSAGRAT LILL-QLUB TA' ĠESU' U TA' MARIJA (fil-paġni tan-nofs jidher il-programm).



Isqof Ugo Poletti fil-kazin — 1971



Standard tal-banda pprezentat lill-Ghaqda — 1968

# Choice of Champions

# SUZUKI




## INDUSTRIAL MOTORS LTD.

National Road Blata l-Bajda Telephone: 21205-6-7






# INNU TAL-BANDA "MELITA"

*Mużika:* Mro. Philip Gatt, F.L.C.M., A.R.C.M.
*Versi:* Is-Sur Albert Marshall

Tiru ja noti,
Tal-banda Melita,
Banda Maltija,
Min jiżboq kburitha!?

Tiru 'l fuq ħielsa,
Ja noti fejjieda,
Għaqqdu 'l Imsida,
Bħall-omm ma' uliedha.

Intom in-noti,
Tal-Banda Melita,
Banda li tgħaxxaq,
Bil-ġenn ta' sbuħitha.

Xejn aktar minnek,
O banda Melita,
Għażiż għalina,
Daqs ismek MELITA.

Fik qegħda s-setgħa,
Li thenni 'l widnejna,
Tislet bil-ħlewwa,
Id-dmugħ minn għajnejna.

Dak ismek jibqa',
Fl-irħam ta' l-istorja,
Minqux u mfakkar,
Bil-ħaqq u bil-glorja.



# ANT. FILLETTI

**ELECTRICAL**
**& PLUMBING CONTRACTORS**

64, REPUBLIC STREET,
VALLETTA.
Telephone 24341.

---

*Agents for:*

**ELECTRIC FANS,**
**WATER HEATERS,**
**and CHANDELIERS.**





**FREE Booklet**
**"THE SUCCESSFUL FISH HOBBYIST"**
**by Tetra.**

*Cut this advert and present to:*

## "akkwarjumalta"

Testaferrata Street,
Msida.
Tel: 35214.

**Tropical Fish in stock**
**all the year round.**



*A Friendly welcome*
*awaits you*
*at any of our Offices*

## Bank of Valletta Ltd.

**28 Branches located**
**throughout Malta & Gozo**



## SEJJER TIZBOGH?

Aghzel il-kulur li tixtieq!
U ahna nghamluhulek
bil-magna specjali
SPECTROMATIC

## CARSONS PAINTS

ghall-varjeta' bla tarf
ta' kuluri li jsiru
waqt li qed tistenna.

Irrikorru:

**CARSONS PAINT CENTRE**
**44, Ix-Xatt ta' Tax-Xbiex,**
**Tel: 33479.**

*Technically ahead*

*—even in these days.*

**SIEMENS**

**PRODUCTS**



*A wide range of Television Sets, Washing Machines, Cookers, Refrigerators and other household appliances are always available at:*

**APLAN**

**34, Msida Sea Front, Msida**

**Testaferrata Street,**
**Msida.** Tel: 36556

**73, St. Paul Street,**
**Cospicua.** Tel: 24535

**44, St. Bartholomew Street, Qormi**

# PROGRAMM

## FESTA SAN GUZEPP — LULJU 1975





**Il-Gimgha, 18 ta' Lulju, fit-8.30 p.m.**

Marċ brijjuż tradizzjonali, li jibda minn quddiem il-Knisja Parrokkjali u jgħaddi minn dawn it-toroq: Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex, Ant. Sciortino, Knisja, Mons. D'Andrea, Ġdida, D'Argens, Kunċizzjoni, il-Wied u jispiċċa quddiem il-Każin.

**Is-Sibt, 19 ta' Lulju, fit-8.30 p.m.**

Marċ li jibda minn quddiem il-"Catering School" u jgħaddi minn dawn it-toroq: Qrejten, Clarence u Ursoline Sisters, Bordin, Misraħ il-Barrieri, Dock, St. Joseph's Drive. Wara ntervall jibda Programm mużikali fuq iz-zuntier tal-Knisja.

## ATTIVITAJIET FL-OKKAZZJONI TAL-ĠUBLEW TAL-FIDDA TAD-DAR TAL-GĦAQDA

KONSAGRAZZJONI tad-Dar tal-Għaqda lill-QLUB TA' ĠESU' U TA' MARIJA minn L-Ecc. Tieghu Mons. Nicholas Cauchi, Ph.D., Lic.Sc., S.O.C., Isqof ta' Ghawdex.

Wara Riċeviment għall-Persuni Distinti, Membri u mistiedna oħra.

# PROGRAMM MUZIKALI

Fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali ta' l-Imsida, nhar is-Sibt, 19 ta' Lulju fid-9.15 p.m. Direzzjoni tal-Banda Mro Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M.

INNU TAL-PAPA — INNU POPOLARI "SAN ĠUŻEPP" G. Caruana

| | | |
|---|---|---|
| PARADE OF THE CHARIOTEERS (film BEN HUR) | *Grand March* | M. ROZA |
| SOUND OF MUSIC | *Selection* | R. ROGERS |
| VILLAGE FIESTA | *Fantasia* | PH. GATT |
| SOUTH PACIFIC | *Selection* | R. ROGERS |
| BLUE DANUBE | *Valzer* | J. STRAUSS |

INNU TAL-BANDA "MELITA" Ph. Gatt — INNU MALTI

# MARCI GODDA

Li ser jindaqqu fl-Imsida fl-okkażżjoni tal-Festa ta' San Ġużepp u l-25 Anniversarju tad-Dar tal-każin fi Triq il-Kunċizzjoni.

1. MELITA — Ph. Gatt
2. PRESIDENT — Chev. A. Vella
3. ST. JOSEPH — A. Gatt
4. ST. MICHAEL — L. Bongailas
5. BLUE CAVE — N. Mifsud
6. SWORD OF FIRE — A. Pace
7. SONS OF A HERO — A. J. Mizzi
8. VILHENA — Ph. Gatt

'Recording' tal-marċi jsir fis-sala tal-każin, il-Ħamis, 17 ta' Lulju. Il-kor tax-Xebbiet tal-Knisja Parrokkjali jkantaw l-Innu ta' San Ġużepp u l-Innu tal-Banda. Il-marċi jixxandru minn fuq ir-Rediffusion nhar il-Festa.

Il-Kumitat għan-nom tal-membri jirringrazzja lil-kompożituri lir-regalaw il-marċ tagħhom f'dan is-sett.

**Weltecho electronic 1552**



ITT
SCHAUB-LORENZ

**NORTHERN TV & RADIO SERVICE**
TESTAFERRATA STREET,
MSIDA. Tel: 33531.

**CROWN COLD STORE LTD.**

(J. & L. Muscat)

**TA' XBIEX. Tel: 30045**
**35842**
**35636**

IMPORTATURI

- tal-MAGHRUFA butir u gobon ta' l-"ANKRA"
- ta' kull kwalita' ta' laham "AFFCO"

*—kollha prodotti ta' New Zealand—*

# MELITA

## L-ISTORJA TAL-GHAQDA TAL-BANDA MISIDJANA



Tfittxija u kitba C. Taliana

### Tlieta mis-sitt każini tal-Għaqda



Triq D'Argens 1924-1932

Triq il-Kuncizzjoni 1950-1975



Triq il-Wied 1947-1950





L-EWWEL KUMITAT 1922



G. GERADA
wiehed mill-fundaturi

## IT-TWAQQIF TAL-GĦAQDA

L-IDEA li jitwaqqaf każin tal-banda fl-Imsida, oriġinat f'ħanut tal-kafe' (illum Anchor Bar) f'Xatt Imsida. Dan jikkonfermawh għadd ta' dilettanti tal-banda li sal-lum għadhom mimlijin bl-għomor. L-istess dilettanti għadhom jiftakru wkoll l-argumenti sħan li kienu jinqalgħu dwar dik il-banda u l-oħra, bandisti tajbin jew tal-ħabba gozz, strumenti u mitt ħaġa oħra konnessa mal-baned.

In-nuqqas ta' banda fl-Imsida beda jinħass ma' kull argument li jinqala'. Diskors illum, kwistjoni għada, u fl-aħħar il-mistoqsija minn ħalq xi ħadd ħarġet: "Għaliex aħna fl-Imsida m'għandniex ikollna banda tagħna, bħal bliet u rħula oħra?" Ir-rejazzjoni mill-preżenti kienet inkoraġġanti tassew. "Għaliex le!" qal wieħed. "Hekk għandna nagħmlu", tennew oħrajn.

Fi ftit jiem inġabret lista ta' membri u bandisti. Min se jinsa kemm tħabat u rsista Ġużeppi Gerada biex ġabar ħafna mill-ismijiet! Il-Għaqda għadha ssellimlu sal-lum u tħares lejh bħala l-missier u l-fundatur tagħha. Gerada ħadem għall-Għaqda sal-mewt tiegħu.

Fl-10 ta' Settembru, 1922 ġiet imsejħa laqgħa għad-dilettanti fil-ħanut imsemmi, fejn ġie elett kumitat temporanju biex jipprepara abbozz ta' statut u jsib dar għall-Għaqda l-ġdida. F'din l-ewwel laqgħa ttieħdet waħda mill-aqwa deċiżjonijiet tal-Għaqda, li qatt ħadd sal-lum ma pprova jbiddel — dik li l-isem tagħha jkun MELITA. Ħadd ma jiftakar sewwa kif oriġinat l-idea ta' l-isem. Hemm min igħid li kien suġġeriment ta' Evaristu Pace, is-sid tal-ħanut imsemmi fuq. Hemm min jgħid li kien hemm minoranza li nsistew li l-Għaqda tissemma 'San Ġużepp'.

Instabet dar fi 18 Triq il-Knisja, u fil-15 t'Ottubru, 1922 saret l-ewwel laqgħa ġenerali biex jittella' l-ewwel kumitat tal-Għaqda. Il-ħabrieki Rikardu Camilleri ġie elett President. Il-Kumitat minnufih medd għonqu għax-xogħol. Mro. Francesco Bellizzi ġie misteiden biex jidderieġi l-ewwel programm mużikali li ġie deċiż li jsir fl-10 ta' Diċembru, 1922 f'Misraħ Palma. Mro. Bellizzi dak iż-żmien kien Aġent Surmast tas-Soċjeta' Filarmonika Nazzjonali "La Valette". Għal dan il-programm ġiet kważi l-Imsida kollha biex issellem u tawgura l-banda tagħna. Anke l-Kappillan ta' l-Imsida, Dun Kalċidon Schembri kien preżenti għal dan il-programm li ġie esegwit minn banda ta' 62 bandist li minnhom sbatax biss kienu minn barra l-pajjiż. Sfortu-



RIKARDU CAMILLERI
President 1922-1925



VICENZ FARRUGIA
President 1925-1932



GUZE' BORG
President 1932-1933

natament, dak inhar waqt il-programm raxxet ix-xita u mill-ewwel il-Misidjani laqqmuha "il-banda taxxita". U kellhom raġun; għaliex fi Frar tas-sena ta' wara meta l-banda ġiet mistiedna biex iddoqq fil-festa ta' San Pawl tal-Belt, u fil-festa tas-Sacro Cuore, tas-Sliema, id-darbtejn għamlet ix-xita.

L-EWWEL ZMENIJIET

L-ENTUŻJAŻMU fis-sena ta' wara, 1923, kompla jiżdied. F'Settembru nxtrat strumentatura ġdida ta' 33 biċċa minn Casa Rappone, Milan. Il-każin ġie trasferit f'dar aħjar f'21 u 22 Xatt ta' Xbiex.

Fis-6 ta' April, 1924, il-Każin mill-ġdid ġie trasferit għal dar oħra. Din id-darba, id-dar majestuża fi Triq D'Argens magħrufa b' "tal-kolonni". B'żewġ verandi kbar u twal fuq quddiem iħarsu fuq id-daħla tal-baħar u Misraħ Palma, din id-dar kienet meqjusa waħda mill-isbaħ f'dawk iż-żmenijiet.

Fil-każin saru wkoll alterazzjonijiet strutturali biex isaħħu s-sala għal ballijiet. Il-kumitat u l-membri mmarċaw mal-banda mill-każin il-qadim għad-dar il-ġdida, fost il-briju u l-entużjażmu tal-Misidjani li reġgħu ħarġu minn darhom biex jagħtu l-awguri tagħhom lill-Għaqda fid-dar ġdida tagħha.

L-Isqof Dom Mauro Caruana ġie mistieden biex jikkonsagra l-każin lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija fl-istess okkażjoni.

F'din is-sena wkoll, Mro. Bellizzi ġie kkonfermat Direttur-Surmast tal-Banda. Il-programm mużikali li esegwixxa qajjem kontroversja. Hemm min jgħid li l-mużka li ġiet magħżula għal dan il-programm kienet teknikament tqila u artistikament kolossali. Hemm min spjega li dan il-programm kważi faqqar lill-Għaqda minħabba l-ispejjjeż kbar li ntefqu. Intant, Mro. Bellizzi f'din l-istess sena spiċċa minn Surmast tal-Għaqda u floku ġie magħżul Mro. Ġużeppi Darmanin.

It-tieni President tal-Każin tal-banda kien Viċenz Farrugia. Ħabrieki u attiv, is-Sur Farrugia kien ukoll Membru Parlamentari tal-Partit tal-Ħaddiema. Fi żmienu bħala President mill-1925 sal-1932, il-każin kompla jikber fl-attivitajiet u kellu popolarita' kbira. Fieri, ballijiet u kunċerti strumentali kienu ffrekwentati minn kull klassi tal-poplu Misidjan.

Fis-sena 1925, inxtara biljard "Riley" li għadu jeżisti sal-lum. Hawn kompla jikber l-isem tal-Għaqda fil-qasam sportiv. Il-każin issa kellu miegħu ġugaturi mill-aqwa. Għadd kbir ta' kompetizzjonijiet nazzjonali u challenges minn diversi każini,

għaqdiet u Servizzi Ingliżi ġew mirbuħa mit-tim tal-każin. Dan jixhduh it-tazzi li jżejnu l-vetrina tal-każin fis-sala tal-kumitat, li jfakkru sallum kull rebħa ta' l-Għaqda.

Erbgħa standardi ġew ippreżentati minn ammiraturi lill-Għaqda waqt programm mużikali f'lejlet il-Festa Titulari ta' San Ġużepp fl-1926. Dawn kienu Malti, Ingliż, tal-Papa u ta' San Ġużepp. Sadattant, Gerada ma' dilettanti oħra kienu qed jaħdmu fuq pjanċier ta' l-injam li ġie mżanżan is-sena ta' wara.

Issa l-banda kienet għaddiet minn idejn Mro. Darmanin għal idejn Mro. Nonu Micallef li dam surmast tal-banda sal-1932. Il-bravu surmast Micallef ta lill-banda għadd kbir ta' marċi, xogħlijiet mużikali u Innu bilkor lil San Ġużepp. Ma ninsewx bandist Misidjan ħabrieki tal-banda Melita li dak iż-żmien ħadem bla heda biex il-banda tkompli tmur 'il quddiem. Qed nirreferi għal Ruġġieru Micallef, li dderieġa l-banda f'bosta programmi.

Fis-sena 1931, beda għaddej sħab iswed fuq il-każin. Kien hemm diversi idejat dwar it-tmexxija tal-Għaqda. Kien hemm min insista li jiġu permessi ċerti diskorsi u manifestazzjonijiet fil-każin li ma kenux konnessi ma' l-iskop tal-każin. Dawn l-affarijiet taw lok għal inċidenti, argumenti sħan u anke manuvri biex jitwaqqa kumitat u jitla' ieħor. Il-każin iddgħajjef, bdew jonqsu l-membri u fl-aħħar l-istorja spiċċat billi saħansitra d-dar sabiħa ta' Triq D'Argens inbiegħet, u s-sid il-ġdid, fis-sena 1932 ried il-każin jitlaq minnha. Il-każin inġarr għal dar f'Xatt Imsida fejn baqa' sat-tieni Gwerra Dinjija.

Wara l-mewt tal-President Viċenz Farrugia, ġie elett President, Ġuże' Borg. Is-Sur Ġuże' kien ukoll l-ewwel teżorier tal-Għaqda. Is-sena ta' wara, 1933 sar President Carmelo Fiorini, ir-raba' fil-lista tal-Presidenti. Fiorini kien ukoll l-ewwel Segretarju tal-Għaqda. Fis-sena 1935 wara r-riżenja tiegħu, il-laqgħa Ġenerali għażlet lil Manwel Mallia bħala -ħames President ta-Għaqda. Manwel Mallia baqa' jgawdi l-fiduċja tal-membri għal ħamsa-u-għoxrin sena sħaħ, u kienet il-mewt tiegħu fl-1960 li ma ħalletux ikompli jokkupa l-ogħla kariga tal-Għaqda.

Mro. Ġużeppi Zerafa fis-sena 1932 ħa f'idejh it-treġija ta-banda biex ġie r-raba' fil-lista tas-Surmastrijiet. Taħt dan is-surmast il-banda rat ukoll titjib. Zerafa kiteb għadd ta' xogħlijiet mużikali għall-Għaqda inkluż Innu tal-Banda. Wara l-mewt ta' dan is-surmast, il-banda għamlet xi żmien mingħajr surmast.

Kienu f'dawn iż-żmenijiet ta' qabel il-gwerra li l-każin beda jmaj-

Mro. CIKKU BELLIZZI
1922-1924



Mro. GUZ DARMANIN
1924-1926



Mro. NONU MICALLEF
1926-1932



MODERN FURNITURE at MODERATE PRICES by

# INVICTA WORKS

- POLISHED & UPHOLSTERED FURNITURE
- GENERAL WOODWORKS
- FURNITURE COVERED IN LAMINATED PLASTIC
- WROUGHT IRON WORKS
- ELECTRO PLATERS

*Also manufacturers of:*

**Animal Character Children's Chairs,
Ironing Boards, Step Stools,
Baby High Chairs, Shopping Carriers,
Extending Ladders, Folding Ladders,
Tables and chairs, Trolleys, stools, etc.**

**QUARRIES SQUARE, MSIDA
MARINA ROAD, PIETA'
THE STRAND, SLIEMA
VALLETTA ROAD, MOSTA**

**TEL. 26651
75/6440**

CANADA DRY

Hi·spot



**CARMELO FIORINI**
President 1933-1935



**MANWEL MALLIA**
President 1935-1960



**GUZE' CASSAR NAUDI**
President 1960-

na mill-ġdid, din id-darba kaġun tal-gwerra. Hawn ta' min isemmi avveniment speċjali meta l-Gvernatur ta' Malta, il-Ġeneral Sir C. Bonham-Carter żar il-każin fis-sena 1938. Matul it-tieni gwerra dinjija jingħad li l-każin kien kważi miet għal kollox.

WARA T-TIENI GWERRA DINJIJA

KIEN F'GĦELUQ il-25 sena mittwaqqif tal-Għaqda, preċiż fl-1945, meta mill-ġdid saru sforzi biex il-każin jerġa' jiffunzjona regolari. F'laqgħa ġenerali msejħa apposta mill-President Mallia, li għaliha attenda wkoll il-Kappillan ta' l-Imsida, Dun Innocenzo Zammit (illum mejjet) ġie diskuss mill-ġdid il-ftuħ tal-każin. Hawn il-każin kien fi Triq il-Wied (illum kunvent tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesu). L-istess lokal diġa kien jokkupah it-tim tal-futbal Misidjan 'Msida Wolves'. Naturalment kienet fuq stedina tal-Klabb tal-futbol li l-banda Melita kellha akkomodazzjoni f'dan il-lokal. Ġara iżda, lit-tim tal-futbol sfratta u l-Għaqda ħadet il-każin kollu f'idejha.

Fis-sala l-kbira li tinsab f'dan il-lokal saru ħafna attivitajiet. Is-sala bdiet tinkera għat-tiġijiet u b'hekk il-każin mill-ġdid beda jerġa' jieħu r-ruħ.

Fl-sitess sena, is-Surmast Manwel Morello ġie magħżul biex imexxi l-banda u t-tagħlim ta' mużka lill-allievi. Morello wkoll bħas-surmastrijiet ta' qablu għamel sforzi biex itejjeb lill-banda. Ħafna mużiċisti Misidjani ta' wara l-gwerra jafu t-tagħlim lil Morello. Morello, Misidjan u devot ta' San Ġużepp, faħħar ħafna lil dan il-qaddis bin-noti sbieħ tal-mużka. Xogħlijiet tiegħu nsibu Innu kbir lil San Ġużepp bil-kor u t-Tenur u Inni Marċi oħra lil San Ġużepp. Fl-arkivju nsibu wkoll sinfoniji u marċi tiegħu mħollija lill-banda.

Fis-sena 1964 Morello emigra mal-familja tiegħu lejn l-Awstralja. Il-waqt memorabbli ta' Morello kien meta dderieġa l-Banda Nazzjonali fir-Radio City Opera House fl-1962, bħala s-Surmast tal-Għaqda.

IL-KAŻIN JINĠARR GĦAD-DAR PREŻENTI

F'APRIL TA' L-1950, il-Għaqda marret fil-post preżenti, 227, Triq Immakulata Kunċizzjoni, quddiem Misraħ il-Palma Dan it-trasferiment sar fuq stedina tal-Kappillan Innocenzo Zammit għax id-dar kienet proprjeta' tiegħu. Fil-bidu d-dar kienet maqsuma bejn l-Azzjoni Kattolika u l-Għaqda u ftit wara fil-ġnien ta' l-istess dar il-Kappillan bena s-Sala Parrokkjali ta' l-Imsida. Sakemm dam ħaj il-Kappillan kol-

lox mexa sewwa, iżda wara mewtu l-Azzjoni Kattolka kellha tħalli l-parti tagħha mid-dar u s-Sala Parrokkjali ġiet magħluqa. Il-werrieta tal-fond ma ridux jikru d-dar kollha lill-Għaqda li issa kienet weħidha u b'bejgħ biss riedu jċeduha.

Dan kien iż-żmien li Ġuże' Cassar Naudi ġie elett is-sitt President tal-Għaqda. Mill-1960 sal-lum, Ġuże' Cassar Naudi magħruf għall-għaqal u l-ġentilezza tiegħu, mexxa l-Għaqda minn dawk iż-żmenijiet ta' taħwid għal-lum . . . . każin proprjeta' assoluta tal-membri tal-Għaqda.

Kien f'Ottubru 1968, meta l-ħolma saret rejalta' u d-dar ġiet mixtrija fost il-ferħ tal-membri. Dan l-avveniment kien aktar eċċitanti meta l-istess dar tħallset fi żmien qasir ta' sentejn u nofs biss.

Sena qabel ix-xiri tad-dar, l-ammiraturi taw lill-banda bandalora lussuża fl-okkażżjoni ta' l-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa ta' l-Imsida. Fl-istess okkażjoni l-komunita' Misidjana f'Sydney, l-Awstralja bagħtet bandalora sabiħa oħra lill-banda. Filfesti Ċentinarji tal-Parroċċa, il-Għaqda ħadet sehem kbir u ġew milqugħa fil-każin għadd ta' persuni prominenti minn kull qasam tal-ħajja. Is-sena ta' wara l-ammiraturi reġgħu ppreżentaw standard blu, bl-arma tal-Għaqda lill-Banda. Standard Kanadiż ġie mogħti lill-Banda fl-istess sena.

Imbagħad wasal il-Ġublew tad-Deheb tal-Għaqda. F'Settembru 1972, il-każin u Misraħ il-Palma kien fihom x'tara. Il-Gvernatur Ġenerali, l-E.T. Sir Anthony Mamo, (illum il-President tar-Repubblika ta' Malta). kixef lapida kommemorattiva fl-intrata tal-Każin li ġiet imbierka mill-E.T. Mons Sir Michael Gonzi, Arċisqof ta' Malta. Is-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Freddie Micallef ħawwel siġra quddiem il-każin. L-Isqof Galea bierek is-siġra. Din l-okkażjoni ġiet imfakkra wkoll b'quddiesa ta' Ringrazzjament iċċelebrata fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imsida.

Mro. Philip Gatt F. L. C. M., A.R.C.M., ġie magħżul surmast wara Mro. Morello fl-1964. Fost programmi mużikali memorabbli taħt id-direzzjoni tiegħu nsibu l-programm korali u strumentali f'Misraħ Palma fl-okkażjoni ta' l-ewwel Ċentinarju tal-Parroċċa ta' l-Imsida. F'din l-okkażjoni Mro. Gatt ikkompona Innu kbir lil San Ġużepp bil-kor u l-vuċijiet. Fl-istess sena, jiġifieri fl-1967, il-Banda reġgħet daqqet f'Misraħ il-Palma fl-okkażjoni taż-żjara Rjali tar-Reġina Eliżabetta II.

Fl-1968, il-banda daqqet programm mużikali fi Pjazza Reġina, il-Belt, fl-okkażjoni tar-raba' Anniversarju ta' l-Indipendenza ta' Malta.

Mro. GUZEPPI ZERAFA
1932-1947



Mro. MANWEL MORELLO
1947-1964



Mro. FILIP GATT
1964-





**L-Onor F. Micallef, Ministru tal-Biedja**
u Sajd jhawwel sigra quddiem il-kazin
fl-okkazzjoni tal-50 Anniversarju



**L-E.T. Mons Gonzi jilqa' bhal offerti**
tal-quddiesa, STRUMENTI MUZIKALI
minghand l-allievi tal-banda.

U fl-1972, ukoll f'Misraħ il-Palma, il-Banda esegwiet programm strumentali fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Għaqda.

Philip Gatt għallem ukoll tfal li llum idoqqu mal-banda tagħna u ma' ħafna baned oħrajn. Mhux anqas mis-surmastrijiet ta' qablu kiteb u għadu jikteb mużka għall-Għaqda. Gatt ikkompona wkoll Innu tal-banda u bosta marċijiet oħra, fosthom il-marċ storiku "One small big step" biex jagħti ġieħ lill-ewwel Astronawta li niżel fuq il-Qamar. Il-preżentazzjoni tal-marċ saret fl-Ambaxxata Amerikana. Il-mejjet President Amerikan John F. Kennedy iżża ħajr personalment lis-Surmast Gatt.

Is-Surmast Gatt idderieġa wkoll il-Banda Nazzjonali f'isem l-Għaqda tagħna, fit-Tejatru Manoel fl-1970.

GĦELUQ.

ELUF TA' NIES f'xi żmien jew ieħor għenu lill-Għaqda fil-bżonnijiet tagħha: onorawna bil-preżenza tagħhom fil-każin; ħabbewha billi ħadmu għaliha, kultant b'sagrifiċċji kbar .

Huwa diffiċli li ssemmi 'l dawn il-persuni kollha anke jekk tiftakar f'uħud li jixirqilhom tassew. Iżda jekk issemmi wieħed tkun tonqos lill-ieħor. Illum l-Għaqda għada teżisti bis-saħħa tagħhom u tgawdi l-frott li ż-żerriegħa tiegħu f'xi żmien jew ieħor tefgħuha huma. Din iż-żerriegħa saret sigra b'saħħitha u sabiħa li tagħmel ġieħ lill-Imsida.




*No party is complete without*

**WEMBLEY'S**

Continental Ice Creams

Available also in:

★ Weekend Family Packs

★ Specialities for Parties & Caterers

***Look out for our 'NEW'***

**CHOCCHUNK**

***the chocolate covered lollie***

***full of nutty chips.***

**For Supplies phone: 34071-2-3**



*CONTACT*

**R. GRISCTI & SONS**

*For all food provisions*

*in Retail and Catering packs*

*First Quality Products at Best Prices!*

*We supply speedily*

---

**Trade Enquiries:**

**Tel. 28353**

# SINGER

## the practical way to save money




Available at the Singer
Sewing Centres: Valletta;
Sliema; Birkirkara; Hamrun;
Paola; Cospicua; Zejtun and Victoria, Gozo
and from all Dealers.

**SINGER** takes the trouble to save you trouble



Il-kumitat responsabbli ghax-xiri tal-kazin — 1968




Il-lapida kommemorattiva



Il-kumitat responsabbli ghall-organizzazzjoni tal-Gublew tad-Deheb — 1972



Il-kumitat prezenti — 1975



Il-President tar-Repubblika, Sir Ant. Mamo, dak iz-zmien Gvernatur Generali, jitkellem mal-President, is-Sur Cassar Naudi waqt riceviment wara l-kxif tal-lapida kommemorattiva

## L-ISKOLA TAL-MUZIKA TA' L-GHAQDA FIL-PREZENT.

L-Iskola tal-Mużika ta' l-Għaqda hija taħt id-direzzjoni tal-Kummissjoni "Banda" komposta mis-Sinjur: E. Azzopardi, A. Bonello u J. Tedesco. Is-Sur A. Bonello huwa wkoll l-Arkivista ta' l-Għaqda. Mro Philip Gatt F.L.C.M., A.R.C.M. huwa responsabbli għat-tagħlim tal-mużika.

*BANDISTI ŻGĦAŻAGĦ*

Roger Azzopardi — kurunetta
Ronnie Debattista — klarinett
Charles Meli — klarinett
Emmanuel Mizzi — klarinett
Bandist li se jdoqq l-ewwel darba din is-sena fil-festa —
Raymond Tabone — klarinett

*ALLIEVI SUBIEN*

Effie Azzopardi
Vincent Azzopardi
Gaetan Chircop
Alfred Debattista
Alex Farrugia
Jesmond Farrugia
Willie Sperandeo

*ALLIEVI BNIET*

Tania Agius
Josephine Azzopardi
Joan Ghigo
Josephine Ghigo
Mary Meli



It-team tal-biljard ta' l-Ghaqda tal-kazin fi Triq D'Argens — 1928

**Ringrazzjamenti**
Lil dawk kollha li taw reklami, ghajnuna teknika, idejat, disinji u kull mod iehor biex sar dan il-ktieb.

**Ritratti**
Is-Sur Joe Troisi.

**Stampat bl-offset fil-**
Progress Press Co. Ltd.




# Tivoli Confectionery

**(Joseph Mallia)**

tircievi ordnijiet ghal

***Tigijiet, Maghmudijiet, Parties, etc.***

*Irrikorru:*
**181, High Street,**
**Hamrun.**

**Bakery:**
**Ghost Street,**
**Hamrun.**

**Tel: 22333.**



# Micado

QAWRA.

*Snack Bar and Restaurant.*

Tel: 22333.

(Opposite Dolmen Hotel)




The General Soft Drinks Company Ltd. - Authorized Bottler